**36. L-Onor Leo Brincat ippropona illi:-**

Minħabba li l-Avviż Legali LN 254 ta' l-1998 dwar Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali jmur kontra dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni fil-Kapitlu IX, dwar il-Finanzi, u dan għar-raġunijiet li ġejjin:-

1. Il-Kostituzzjoni tipprovdi li jkun hemm il-Fond Konsolidat, li ma jippermettix ħafna fondi separati, jekk il-fond il-ġdid ma jkunx għal skop speċifikat, u l-Avviż Legali ma joħloq l-ebda "fond bi skop speċifiku"; filwaqt li l-Avviż Legali jirreferi għall-fondi separati u ġeneriċi;

2. Illi l-Ministru tal-Finanzi għandu obbligu li d-dħul u ħruġ jorbot ma' kull sena finanzjarja, u ma jistax għalhekk iħalli li flus jitħallsu mill-Fond Konsolidat f'sena partikolari jekk mhux bl-approvazzjoni ta' l-estimi, approvati kif trid il-Kostituzzjoni;

3. Illi waqt li l-Kostituzzjoni tipprovdi għal meta jkun hemm ħtieġa ta' nefqa akbar minn dik prevista fl-estimi, ma tagħtix lok li ammonti mhux minfuqa jiġu *carried forward* għas-sena ta' wara;

4. Illi dawn ir-raġunijiet huma wkoll konfermati mill-artikli kollha li hemm fl-istess Kapitlu tal-Kostituzzjoni;

Minħabba wkoll li s-sistema ta' fondi separati tista' toħloq possibbilta' ta' anqas kontroll mill-Parlament fl-infiq tal-flus, u dan peress li dak li jkun approvat f'sena jista' jispiċċa li jitħallas anke snin wara, u dan in-nuqqas ta' kontroll mhux fl-interess ta' l-amministrazzjoni preċiża tal-finanzi;

Din il-ħtieġa ta' kontroll Parlamentari tkompli tikber fir-rilevanza tagħha meta wieħed iqis il-gravita' tal-problema tad-defiċit strutturali li ilu jiffaċċja l-pajjiż għal bosta snin;

Dan il-Parlament għaldaqstant jirrevoka, iħassar u jannulla l-Avviż Legali Nru 254 ta' l-1998 dwar regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali.

11.12.98